



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA  
(It-Tieni Awla)  
18 ta' Mejju 2015

Kawża F-79/13

**Valéria Anna Gyarmathy**

vs

**Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)**

“Servizz pubbliku — Persunal tal-EMCDDA — Membru tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt ta' reklutaġġ — Fastidju psikoloġiku — Talba għal assistenza — Investigazzjoni amministrattiva — Sentenza fil-kontumacia — Eżami tal-ammissibbiltà tar-rikors — Att li jikkawża preġudizzju — Inammissibbiltà — Tqassim tal-ispejjeż”

**Suġġett:** Rikors, ippreżentat abbażi tal-Artikolu 270 TFUE, li permezz tiegħu V. A. Gyarmathy titlob l-annullament ta' diversi deċiżjonijiet adottati miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA jew iktar 'il quddiem iċ-“Ċentru”) dwar talba għall-assistenza għal allegati fatti ta' fastidju psikoloġiku u n-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt tagħha bħala membru tal-persunal temporanju. Barra minn hekk ir-rikorrenti titlob kumpens għad-danni morali u materjali li hija tqis li sofriet minħabba d-deċiżjonijiet ikkontestati.

**Deċiżjoni:** Ir-rikors huwa miċħud. Kull parti għandha tbatli l-ispejjeż tagħha stess.

### Sommarju

1. *Uffiċjali — Obbligu ta' assistenza tal-amministrazzjoni — Talba għal assistenza — Kunċett — Talba intiża għat-teħid ta' deċiżjoni jew l-għoti ta' kumpens abbażi tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal — Dmir tal-amministrazzjoni li teżamina l-ilmenti fil-qasam tal-fastidju psikoloġiku u li tinforma lil-lanjant bis-segwitu mogħti għall-ilment tiegħu — Kundizzjoni — Osservanza tal-proċedura prekontenzjuża għall-introduzzjoni tal-ilment (Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 24 u 90(1))*

2. *Rikorsi tal-uffiċjali — Att li jikkawża preġudizzju — Kunċett — Ittra indirizzata lil membru tal-persunal temporanju u li tfakkru d-data tal-iskadenza tal-kuntratt tiegħu — Esklużjoni — Deċiżjoni li kuntratt ma jiġix imġedded — Inklużjoni (Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 90(2))*

3. *Rikorsi tal-uffiċjali — Att li jikkawża preġudizzju — Kunċett — Deċiżjoni li ma titteħidx iżjed azzjoni fir-rigward ta' investigazzjoni abbażi ta' talba għal assistenza — Inklużjoni (Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)*

1. Għandha tiġi kklassifikata bħala talba għal assistenza mhux biss it-talba mressqa minn uffiċjal jew minn membru tal-persunal li jallega li attwalment huwa vittma, minħabba l-kwalità tiegħu u l-funzjonijiet tiegħu, ta' theddid, insulti, diffamazzjonijiet jew attentati fuq il-persuna jew il-beni tiegħu, jew li tagħhom ser ikunu vittmi l-membri tal-familja tiegħu, iżda wkoll kull talba oħra ta' uffiċjal li jitlob lill-Awtorità tal-Ħatra sabiex tiegħu deċiżjoni jew sabiex tagħtih kumpens għal raġuni marbuta mal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, anki jekk l-imġiba malizzjuża waqfet.

Għal dan il-għan huwa biżżejjed li l-uffiċjal jew il-membri tal-persunal li jitlob l-assistenza tal-istituzzjoni tiegħu abbażi tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal jagħmel talba f'dan is-sens, skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, u jipproduċi provi inizjali dwar ir-realtà tal-attakki li tagħhom huwa jallega li huwa s-suġġett. Fil-preżenza ta' tali elementi, hija l-istituzzjoni inkwistjoni li għandha tiegħu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari billi twettaq investigazzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-fatti li wasslu għall-ilment, b'kollaborazzjoni mal-persuna li tressaq dan l-ilment. L-obbligu ta' assistenza jinkludi, b'mod partikolari, id-dmir li l-istituzzjoni teżamina b'mod serju, bil-ħeffa u f'kull kunfidenzjalità, l-ilmenti fil-qasam tal-fastidju psikoloġiku u tinforma lill-lanjant bis-segwitu li ngħata l-ilment tiegħu.

(ara l-punti 31 u 32)

Referenza:

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: sentenzi Klug vs EMEA, F-35/07, EU:F:2008:150, punt 74, u l-ġurisprudenza ċċitata, u Fajta vs KESE, F-92/11, EU:F:2013:130, punt 48

2. Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, jikkostitwixxu atti li jikkawżaw preġudizzju biss dawk l-atti jew miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura tali li jistgħu jaffettwaw l-interessi ta' uffiċjal, jew ta' membru tal-persunal, billi jbiddu, b'mod sinjifikattiv, is-sitwazzjoni legali ta' dan tal-aħħar. Tali atti għandhom jirriżultaw, fir-rigward ta' membru tal-persunal suġġett għall-Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni, mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' rekrutazzjoni u għandhom ikunu ta' natura deċiżjonali. Barra minn hekk, att li ma jkun fih ebda element ġdid meta mqabbel ma' att preċedenti jikkostitwixxi att purament konfermativ ta' dan tal-aħħar u għalhekk ma jstax ikollu l-effett li jiftaħ terminu ġdid għall-preżentata ta' rikors.

F'dan ir-rigward, ittra li sempliċement tfakkar lil membru tal-persunal l-istipulazzjonijiet tal-kuntratt tiegħu dwar id-data tal-iskadenza ta' dan il-kuntratt u li għalhekk ma jkun fiha ebda element ġdid meta mqabbla mal-imsemmija stipulazzjonijiet, ma tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju. Min-naħa l-oħra, fil-każ li l-kuntratt jista' jkun is-suġġett ta' tiġdid, id-deċiżjoni meħuda mill-amministrazzjoni li ma ggeddix il-kuntratt tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju, li huwa distint mill-kuntratt inkwistjoni u li jista' jkun is-suġġett ta' lment, jew saħansitra ta' rikors, fit-termini stabbiliti mir-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, tali deċiżjoni, li tingħata wara eżami mill-ġdid tal-interess tas-servizz u tas-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata, tinkludi element ġdid meta mqabbla mal-kuntratt inizjali u ma tistax titqies li sempliċement tikkonferma dan il-kuntratt.

(ara l-punti 44 u 46)

Referenza:

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: sentenzi Bennett *et* vs UASI, F-102/09, EU:F:2011:138, punti 57 sa 59, u Solberg vs EMCDDA, F-124/12, EU:F:2013:157, punti 16 sa 18, u l-ġurisprudenza ċċitata

3. Huma biss il-miżuri li għandhom effetti legali vinkolanti u li jistgħu jaffettwaw direttament u immedjatament l-interessi tar-rikorrent billi jbiddu, b'mod kunsiderevoli, is-sitwazzjoni legali tiegħu li jikkostitwixxu atti jew deċiżjonijiet li jistgħu jkun s-suġġett ta' rikors għal annullament.

Issa, deċiżjoni li ma titteħidx iżjed azzjoni fir-rigward ta' investigazzjoni abbażi ta' talba għal assistenza tikkawża preġudizzju lill-persuna li għamlet it-talba sa fejn din tkun tinkludi d-deċiżjoni li ma titteħidx iżjed azzjoni fir-rigward tat-talba għal assistenza.

(ara l-punti 54 u 55)

Referenza:

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: sentenza Labiri vs KESE, F-124/10, EU:F:2013:21, punti 42 u 53, u l-ġurisprudenza ċċitata